REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 258/2009

tas-26 ta' Marzu 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 69(2), l-Artikolu 80(1) u l-Artikolu 85, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 [2] jipprovdi għall-mod kif għandu jitqies il-kontenut ta' xaħam fil-ħalib meta tinkiteb id-dikjarazzjoni definittiva ta' kwantitajiet ikkunsinnati.

(2) Il-koeffiċjenti ta' aġġustament applikati għall-kunsinni tal-ħalib meta l-kontenut tax-xaħam ikun akbar jew anqas mil-livell ta' referenza ilhom l-istess mill-1989. Minħabba l-ħafna tibdiliet fin-natura tas-sistema ta' appoġġ għas-settur tal-ħalib minn dak iż-żmien 'il hawn, huwa xieraq li jitnaqqas il-livell ta' aġġustament applikat għall-ħalib ikkunsinnat li għandu kontenut ta' xaħam akbar mill-kontenut ta' xaħam ta' referenza. Il-koeffiċjent li għandu jiġi applikat meta l-kontenut ta' xaħam reali tal-kunsinni huwa anqas mill-kontenut ta' xaħam ta' referenza għandu jibqa' bla mittiefes.

(3) Minħabba dawn ir-rati differenzjali ta' aġġustament, huwa xieraq ukoll li l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni tiġi modifikata fil-kwestjonarju annwali bil-għan li turi dettalji fuq aġġustamenti kemm 'il fuq kif ukoll 'l isfel.

(4) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 jeħtieġ li kull sena l-Kummissjoni tqassam il-kwota nazzjonali għal kull Stat Membru bejn il-kunsinni u l-bejgħ dirett, abbażi tal-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri. Dawn il-komunikazzjonijiet jirrigwardaw it-talbiet għal konverżjonijiet li jsiru mill-produtturi. Kwota addizzjonali allokata lill-Istati Membri tiġi allokata l-ewwel lir-riżerva nazzjonali u mbagħad titqassam mill-Istati Membri bejn kunsinni u bejgħ dirett skont il-ħtiġijiet li setgħu kienu previsti. Madankollu, ma hemm l-ebda dispożizzjoni formali li permezz tagħha l-Kummissjoni tkun infurmata dwar dan it-tqassim. Għalhekk, huwa xieraq li wieħed jesiġi li l-Kummissjoni fl-adattament annwali tqis dan it-tqassim u tipprovdi lill-Istati Membri l-mekkaniżmu li permezz tiegħu jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar it-tqassim ta' tali kwota.

(5) F'għadd ta' Stati Membri, u għal ħafna snin il-kunsinni kienu sostanzjalment aktar baxxi mill-parti tal-kunsinni tal-kwota nazzjonali. Il-possibbiltà li l-kwota tinqabeż tkompli titnaqqas ħekk kif il-kwoti nazzjonali jiżdiedu. L-esperjenza turi li kif jitnaqqas ir-riskju li jkun hemm imposta, jaqa' wkoll ir-riskju li l-operaturi jiddikjaraw valur aktar baxx jew inkella jaħbu l-kwantità tal-kunsinni. Huwa għalhekk xieraq li skont dan titnaqqas l-intensità tal-kontrolli li jseħħu fit-tali Stati Membri sabiex ikun ottimizzat l-użu tar-riżorsi ta' kontroll.

(6) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004, l-Istati Membri huma mitluba fi żmien tmintax-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu konċernat ilestu r-rapporti kollha ta' kontroll relatati ma' perjodu ta' tnax-il xahar. Meta l-Istati Membri jiddisponu mill-alternattiva li issa ġiet offruta li f'ċerti ċirkostanzi jimplimentaw rata mnaqqsa ta' intensità ta' kontroll, huwa xieraq li jitnaqqas it-tul massimu taż-żmien permess biex jitlestew ir-rapporti kollha.

(7) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibbenefikaw minn sitwazzjoni ta' inqas piż b'riżultat tal-intensità aġġustata tal-kontroll, u meta jiġi kkunsidrat li skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 l-kontrolli għandhom jitwettqu parzjalment matul il-perjodu ta' 12-il xahar li ssemma, u parzjalment wara l-perjodu ta' 12-il xahar, huwa xieraq li tiġi applikata l-intensità aġġustata ta' kontrolli għall-perjodu ta' tnax-il xahar 2008/2009, i.e. il-perjodu li jibda fl-1 ta' April 2008 u li jispiċċa fil-31 ta' Marzu 2009.

(8) Sabiex tiġi appoġġata s-sorveljanza tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sistema tal-kwota u b'mod partikolari fil-kuntest tar-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Kunsill qabel tmiem l-2010 u l-2012, huwa xieraq li jkun hemm lok għal informazzjoni aktar dettaljata dwar sakemm ġiet utilizzata l-kwota, it-tqassim tal-kwoti mhux użati lill-produtturi, u fejn japplika, dwar il-ġbir tal-imposta dovuta mill-produtturi.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(10) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx opinjonifil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22, l-Edizzjoni Speċjali bil-Malti, il-Kapitolu 3, il-Volum 43, p. 333.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 595/2004 qed jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, l-"Artikolu 21" huwa sostitwit bl-"Artikolu 25."

(2) L-Artikolu 10 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) It-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk tinstab differenza pożittiva, il-kwantità ta' ħalib ikkunsinnata għandha tiżdied b'0,09 % għal kull 0,1 gramm ta' xaħam addizzjonali għal kull kilogramm ta' ħalib."

(ii) Il-ħames subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-kwantità ta' ħalib ikkunsinnata tkun espressa f'litri, l-aġġustament għandu jkun immultiplikat bil-koeffiċjent 0,971."

(b) Il-Paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-aġġustament tal-kunsinni f'livell nazzjonali skont l-Artikolu 80(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*).

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1."

(3) Fl-Artikolu 19(3), tiżdied is-sentenza li ġejja mat-tieni subparagrafu:

"Madankollu r-rapporti ta' spezzjoni għandhom jitlestew mhux aktar tard minn 12-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu konċernat fl-Istati Membri fejn l-Artikolu 22(1), il-punti (aa) u (ba) japplikaw."

(4) Fl-Artikolu 22(1), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) 2 % tal-produtturi għal kull perjodu ta' 12-il xahar, jew

(aa) 1 % tal-produtturi fl-Istati Membri fejn it-total tal-kunsinni aġġustati kienu anqas minn 95 % tal-parti tal-kunsinni tal-kwota nazzjonali f'kull wieħed mit-tliet perjodi ta' 12-il-xaħar ta' qabel; kif ukoll

(b) 40 % tal-kwantità ta' ħalib iddikjarata qabel l-aġġustament għall-perjodu konċernat;

(ba) 20 % tal-kwantità tal-ħalib iddikjarata wara l-aġġustment fl-Istati Membri fejn it-total tal-kunsinni aġġustati kienu anqas minn 95 % tal-parti tal-kunsinni tal-kwota nazzjonali f'kull wieħed mit-tliet perjodi ta' 12-il xaħar ta' qabel; kif ukoll"

(5) Fl-Artikolu 25, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Skont l-Artikolu 69(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Frar ta' kull-sena dwar:

(a) il-kwantitajiet li ġew ikkonvertiti definittavament bejn il-kwoti individwali għal kunsinni u l-bejgħ dirett għat-talba tal-produtturi individwali;

(b) It-tqassim bejn il-kunsinni u l-bejgħ dirett tal-kwota mqiegħda fir-riżerva nazzjonali skont l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 b'effett mill-1 ta' April fil-perjodu ta' 12-il xahar inkwistjoni."

(6) Fl-Artikolu 27, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-utilizzazzjoni tal-kwota u l-ġbir tal-imposta fir-rigward tal-perjodu ta' 12-il xahar li jispiċċa fil-31 ta' Marzu tal-istess sena kalendarja. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni dwar ir-rijallokazzjoni ta' kwota mhux użata inkluża l-għadd ta' produtturi li għalihom saru allokazzjonijiet u l-bażi għall-allokazzjonijiet. Fejn japplika, ir-rapport għandu jiddikjara l-għadd ta' produtturi li jikkontribwixxu għall-ħlas tat-taxxa żejda u jindika l-għadd ta' każijiet fejn, jekk ikun il-każ, fejn jitqies li t-taxxa żejda bl-ebda mod ma tista' tinġabar minħabba n-nuqqas konfermat fil-kapaċità tal-produtturi li jħallsu jew fil-każ ta' falliment. L-Istati Membri għandhom qabel l-1 ta' Diċembru jikkomunikaw aġġornament dwar ir-rapport lill-Kummissjoni li jinkludi kull informazzjoni ġdida disponibbli u rilevanti. Kull rapport ta' wara għandu jaġġorna l-pożizzjoni fir-rigward tal-ġbir ta' kwalunkwe imposta żejda li qabel kienet ġiet irrappurtata bħala nieqsa."

(7) Fl-Anness I, il-punt 1.8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.8 Aġġustament ta' kunsinni minħabba kontenut ta' xaħam:

(a) Kwantità ta' kunsinni soġġetta għal aġġustament 'il fuq (f'kilogrammi)

(b) Total ta' aġġustament 'il-fuq (f'kilogrammi)

(c) Kwantità ta' kunsinni soġġetta għal aġġustament 'l isfel (f'kilogrammi)

(d) Total ta' aġġustament 'l isfel (f'kilogrammi)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2009, bl-eċċezzjoni tal-punti (3) u (4) tal-Artikolu 1, li għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni